

32003E0141

L 53/63

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.2.2003

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2003/141/PESK

tas-27 ta' Frar 2003

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Marzu 2002, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, li tistabbilixxi skeda multiannwali sabiex tiffinanzja.
- (2) Minħabba raġunijiet tekniċi, kien impossibbli li tiġi ffinalizzata s-sejħa għall-offerti għal ċertu apparat li kien hemm bżonn sabiex il-Missjoni tibda fiż-żmien stipulat. Minħabba li l-ftehim finanzjarju msemmi fl-Artikolu 166(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-*budget* ġenerali tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾ irrestrinġa l-eliġibbiltà għall-2002, dawn l-appropriazzjonijiet ma jistgħux jibqgħu jintużaw fl-2003.
- (3) In-nefqa li għandha x'taqsam ma' din is-sejħa għall-offerti għandha għalhekk tiġi mnaqqsa fuq il-*budget* tal-Komunità għall-2003.
- (4) L-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK għandha tiġi emendata skond hekk,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Artikolu 9(1) u (2) ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-ispejjeż għall-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta għandhom ikunu:

- (a) 14-il miljun EUR għall-ispejjeż tal-bidu (inkluż apparat u t-Team ta' l-ippjanar) għal 2002, li għandu jkun finanzjat mill-*budget* tal-Komunità;

(b) 1,7 miljun EUR għall-ispejjeż tal-bidu (inkluż apparat) għal 2003, li għandu jkun imħallas mill-*budget* tal-Komunità;

(ċ) sa 38 miljun EUR għall-ispejjeż annwali ta' kuljum għas-snin 2003 sa 2005, maqsuma kif ġej:

(i) sa 17-il miljun EUR kuljum skond ir-rata ta' kuljum kif stabbilita u miljun EUR għall-ispejjeż ta' l-ivjaġġar, li skond l-Artikolu 5(2) għandhom jiġu mħallsa skond fejn tkun saret in-nefqa;

(ii) li jibqa' mill-20 miljun EUR (11-il miljun EUR għall-ispejjeż biex timxi l-operazzjoni, 4 miljun EUR għall-ħaddiema lokali, 5 miljun EUR għall-ħaddiema ċivili internazzjonali) għandu jiġi ffinanzjat b'mod komuni mill-*budget* tal-Komunità.

Il-*budget* finali għas-snin 2003 sa 2005 jiġi deċiż mill-Kunsill fuq bażi annwali.

2. Jekk l-iffinanzjar ta' l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1(ċ)(ii) fuq il-bażi tal-*budget* tal-Komunità ma jkunx biżżejjed, il-Kunsill jiddeċiedi, kif se jlaħħaq ma' dawn l-ispejjeż komuni, skond id-disposizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ minn dak inhar li tiġi adottata.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Frar 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

M. CHRISOCHOÏDIS

⁽¹⁾ ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.